MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 15/1993/1

**Dottor Michael Caruana LL.D. u Joseph Debrincat, fil-kwalita` taghhom ta' President u Segretarju rispettivament tas-Socjeta` Filarmonika Leone**

**v.**

**Nazzareno Vassallo u Dottor Joseph Ellis ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali Vassallo Builders (Gozo) Limited u b'nota tas-27 ta' Gunju 2000, is-socjeta` "Vassallo Builders Group Limited" gia` "Vassallo Builders Limited" assumiet l-atti ta' din il-kawza minflok is-socjeta` konvenuta wara l-amalgamazzjoni ta' din tal-ahhar mas-socjeta` "Vassallo Builders Group Limited"**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti noe minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fl-20 ta' Gunju 2008, li filwaqt illi cahdet l-eccezzjoni preliminari taghhom u l-ewwel tliet talbiet attrici, laqghet biss it-talbiet l-ohra fis-sens illi kkundannat lill-konvenuti noe sabiex ihallsu l-ammont ta' €4,194 rapprezentanti danni ghal xoghol esegwit hazin u bi traskuragni. L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi, kellhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti.

Is-sentenza tal-ewwel Qorti sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar tal-istess appell:-

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi nomine, wara li ppremettew illi:

"Li l-istess atturi, kienu taw u kkoncedew lill-konvenuti nomine kuntratt ta' appalt, konsistenti fil-bini ta' sala destinata ghall-kuncerti tal-banda Leone li kellha tinbena fuq in-naha tal-faccata tat-Teatru 'Aurora' fi Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex proprjeta` tas-Socjeta` attrici, liema sala kellha tinbena skond l-i*specifications* u skond il-pjanta li gew annessi mal-kuntratt ta' appalt li jgib id-data tat-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) (Dok 'A').

"Li skond l-istess kuntratt ta' appalt ix-xoghol pattwit kellu jitlesta sal-ahhar ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) izda fil-fatt sa kwazi nofs is-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) il-konvenuti kienu ghadhom ma ottemperawx ruhhom mal-konduzzjonijiet tal-appalt u kienu ghadhom ma lestex ix-xoghol minnhom kuntrattwat, ghalhekk l-atturi kienu ghamlu lill-konvenuti xi pagamenti akkont;

“Li minhabba d-dewmien fl-esekuzzjoni tal-appalt, minhabba fit-traskuragni fl-esekuzzjoni tal-istess xoghol l-istess atturi sofrew danni u hsarat fil-bini specjalment fit-tpingija tas-soffitt tas-sala li tigi immedjatament taht dik li nbniet.
“Li l-konvenuti rrifjutaw li jkomplu x-xoghol kontemplut fl-appalt u ghalhekk sabiex inaqqsu l-hsara li kienet qeghda tigri htiegilhom jinkarigaw lil haddiehor sabiex jittermina x-xoghol kuntemplat u previst fl-appalt, u b’hekk l-atturi sofrew danni ulterjuri, konsistenti fi spejjez zejda li kellhom ihallsu sabiex ix-xoghol mibdi jigi terminat u jitnaqqsu d-danni li kienu qeghdin isofru.

“Li ghalhekk gew interpallati sabiex jersqu ghal likwidazzjoni u hlas ta’ danni sofferti l-konvenuti baqghu inadempjenti.

“Talbu lill-konvenuti nomine jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjara jekk hemm bzonn li l-kuntratt ta’ appalt kuntrattwat bejn il-kontendenti fit-tnax (12) ta’ Lulju elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991) giex xolt ‘*ipso iure*’ minhabba l-inadempjenza da parti tal-konvenuti.

“2. tiddikjara l-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi minhbba l-inottemperanza u l-inadempjenza fl-esekuzzjoni tal-appalt pattwit mal-atturi.

“3. Tillikwida l-ammont ta’ danni sofferti mill-atturi bhala rizultat tal-inadempjenza da parti tal-konvenuti fl-esekuzzjoni tal-appalt imsemmi.

“4. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi minhabba t-traskuragi u x-xoghol esegwit hazin konsistenti fi hsara fil-pittura tas-soffitt tas-sala li tigi mmedjatament taht dik li nbniet u f’danni ohrajn li jigu pruvati waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

“5. tillikwida l-ammont ta’ danni sofferti mill-atturi skond it-talba precedenti.

“6. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu kwalunkwe ammont likwidat skond it-tielet u l-hames talbiet.

“Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju spedit kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa mharrkin ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi nomine kkonfermata bil-gurament ta' Joseph Debrincat.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li eccepew illi:

“1. Preliminarjament illi l-konvenut Dottor Joseph Ellis LL.D. m’ghandux ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta` konvenuta u b‘hekk l-azzjoni attrici hi rrita u nulla.

“2. Fil-mertu u bla pregudizzju ghal premess, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi nomine stante li, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, mhux minnu li l-eccipjenti nomine abbandunaw l-appalt u lanqas hu minnu li huma kkagunaw b’daqshekk xi danni lill-istess atturi nomine.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Tony Ellis.

“Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Marzu 1994 fejn hatret lill-avukat Dottor Philip Bianchi bhala perit legali u lill-A.I.C. Anton Valentino bhala perit tekniku, sabiex jiehdu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

“Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Gunju 2005 fejn irrevokat l-inkarigu tal-perit legali.

“Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku pprezentata fit-18 ta' Awwissu 2006 u minnu mahlufa fl-1 ta' Dicembru 2006.

“Rat il-verbal taghha tal-14 ta' Marzu 2008 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

“Rat in-noti tal-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

“Ikkunsidrat:

“Illi din il-kawza tirrigwarda kuntratt ta' appalt li l-atturi nomine kienu taw lill-konvenuti nomine sabiex jibnulhom it-tielet sular tal-kazin tal-Banda taghhom fi Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex. Wara li fil-kors ta' dawn ix-xoghlijiet inqalghu xi kwistjonijiet bejn il-kontendenti, l-appalt gie sfrattat u x-xoghol tkompla minn terzi. L-atturi nomine issa qed ifittxu lill-kontro-parti ghad-danni konsegwenzjali li jghidu li sofrew.

“Fl-‘Enciclopedia del Negoziante’ ppublikat f’Venezia fl-1839 insibu din id-deskrizzjoni tal-**kuntratt ta’ appalt**: ”*E’ l’appalto una convenzione generale che abbracia e realizza una serie d’atti successivi e della medesima natura. Questo modo d’impegno, applicabile alla maggior parte delle transazioni, e’ chiamato a prestare servigi immensi all’industria ed al commercio quando sia meglio inteso. Esso procura una economia di tempo, di spostamenti, di fatiche, e per conseguenza una diminuzione di spese: quest’e’ il minimo suo vantaggio; pero’ che induce anche nelle operazioni la sicurezza e la regolarita’.* ” [1]

“Fil-kaz taghna dan il-kuntratt kien gie regolat permezz ta' skrittura privata li ggib id-data tat-12 ta' Lulju 1991.[2] Il-konvenuti nomine intrabtu li jibnu sala tal-kuncerti fit-tielet sular tal-Kazin tal-atturi nomine u jwettqu xi alterazzjonijiet fil-faccata, kollox skond il-pjanti provduti mill-perit Emanuel Vella inkarigat mill-istess atturi.[3] Il-bini kellu jsir skond l-ispecifikazzjonijiet indikati fl-istess skrittura u

[1] Vol. I p. 443 .
[2] Dok. A a fol. 7 - 8 tal-process .
[3] ara pjanti Dok. JD a fol. 225 u Dok. EV 3 a fol. 226 .

f'aktar dettal f'lista bi stima tax-xoghlijiet involuti, li giet ukoll annessa ma' l-istess ftehim.[4]

“Gara pero` illi fil-kors ta' dawn ix-xoghlijiet, u hekk kif il-konvenuti nomine kienu qed joqorbu biex jibdew jahdmu fuq il-frontispizju, inqalghu diversi ntoppi u l-konvenuti nomine ma riedux ikomplu, qabel ma l-kontendenti jkunu qablu sew dwar kif kellu jinbena l-frontispizju u xi hlas kellu jsir ghal xoghol addizzjonali li ma kienx gie kontemplat fil-kuntratt ta' appalt. Il-konvenuti nomine dehrilhom illi l-frontispizju, kif iddisenjat, ma kienx ser jirrispetta r-regoli tal-arkitettura klassika, u pproponew illi dan isir mod iehor, billi wkoll sabu diffikultajiet sabiex jaghmluh kif xtaqu l-atturi nomine. Imma dawn baqghu jinsistu illi riedu jwettqu dak li kien gie progettat, u kellhom assigurazzjoni illi x-xoghol seta' jsir kif kien gie propost minnhom fil-pjanta annessa ma' l-iskrittura tat-12 ta' Lulju 1991. Il-konvenuti nomine lmentaw ukoll mill-fatt illi, peress illi kien sar xoghol addizzjonali, konsistenti f'erba' filati izjed fuq il-faccata u travu tal-konkos, u l-ispiza totali kienet ser tlahhaq ferm izjed minn dik kontemplata fil-ftehim, riedu li dan jigi rifless fil-kont finali. L-atturi nomine min-naha taghhom baqghu jinsistu illi l-ftehim kien ikopri prezz fiss ghax-xoghlijiet kollha mehtiega, u jekk kien hemm xi zball fil-kalkoli dan kellhom ibatuh l-istess konvenuti nomine.

“Sadanittant lahqu ghaddew bosta gimghat, bix-xoghol wieqaf, u hadd ma jrid jiccaqlaq mill-pozizzjoni tieghu. Billi l-hitan u s-soqfa fejn kien qed isir ix-xoghol, ma kienux ghadhom gew imkahhlin, kien hemm xi skular tal-ilma tax-xita, bil-konsegwenza li pittura fis-soffit tas-sala li tigi taht dik li kienet qed tigi kostruwita, xxarbet, u garrbet xi hsarat. Biex ma jibqghux izjed f'din is-sitwazzjoni, l-atturi nomine mbghad inkarigaw lill-istess sub-appaltaturi li kienu qabbdu l-konvenuti nomine biex ikomplulhom ix-xoghol li kien baqa'. Tlesta kollox ghas-sodisfazzjon tal-atturi nomine, bil-frontispizju jsir kif kien originarjament

[4] Dok. EV 2 a fol. 93 – 94 .

ippjanat u l-kuntratturi l-godda jithallsu ghal dan ix-xoghol li kien baqa' mill-atturi nomine.[5]

“Preliminarjament il-konvenuti nomine eccepew illi l-avukat Dottor Joseph Ellis ma kellux ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta` konvenuta, pero` dwar din il-kwistjoni baqghu ma tressqu ebda provi, u ghalhekk l-istess eccezzjoni qed tigi minnufih michuda.

“Fil-mertu mbaghad jichdu li abbandunaw l-appalt moghti lilhom mill-atturi nomine, u ghalhekk il-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tara jekk fil-kaz in ezami, fejn ma kienx hemm kondizzjoni risoluttiva espressa fil-ftehim, kienx il-kaz li l-kuntratt ta' appalt gie xjolt *ipso iure,* kif qed isostnu l-atturi nomine. Irid jinghad qabel xejn illi hemm qbil bejn il-kontendenti illi l-kawlsola (12) tal-ftehim tat-12 ta' Lulju 1991 ma ghandha ebda effett, billi *ex admissis* giet inkluza mill-atturi nomine wara li kien gia` gie ffirmat il-ftehim, u din qatt ma giet accettata mill-konvenuti nomine.[6]

“Il-ligi taghna tirregola l-kondizzjoni rizoluttiva tacita bil-mod segwenti:

“"Il-kondizzjoni rizoluttiva tinghad dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali, fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha;

“Izda f'dak il-kaz, il-kuntratt ma jinhallx *ipso iure*, u l-Qorti tista’, skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut, bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra tal-ligi dwar il-kuntratt tal-bejgh." [7]

“Gie spjegat dwar klawsola simili fil-Kodici Civili Taljan l-antik,[8] illi : "… *la condizone risolutiva tacita non e' che una specie del genere piu' lato, condizione risolutiva. E' dunque al concetto della condizione risolutiva espressa che si deve fare ricorso per chiarire I dubbi, e risolvere i*

---

[5] ara dokumenti JD 4, A 13, A 14, JD 3, JD 5, JD 6, JD 7, JD 8, JD 9 a fol. 108 – 118 .
[6] ara ittri eebiti a fol. 9 u 10 tal-process .
[7] art. 1068 kap. 16 .
[8] art. 1165 .

*punti che non siano stati dal legislatore stesso particolarmente e specilamente regolati.*

*"Profonde tuttavia sono le differenze che intercedono fra la condizione risolutiva espressa, e la condizione risolutiva tacita. E infatti: (i) mentre la condizione risolutiva espressa opera* ***ipso iure****, la condizione risolutiva tacita da' luogo, all'interessato, il diritto di chiedere la risoluzione del contratto avanti all'autorita' giudiziaria, la quale dovra' pronunciare mediante sentenza… (ii) mentre la condizione risolutiva espressa opera anche contro il volere delle parti, la condizione risolutiva tacita opera solo in quanto le parti la invochino; (iii) infine, mentre la condizione risolutiva espressa opera* ***ipso iure*** *per quanto si attiene alla cessazione del rapporto contrattuale, ma non da' luogo … a risarcimento di danni, la parte che ottenga la risoluzione del contratto, per il verificarsi della condizione risolutiva tacita, ha diritto anche al risarcimento degli eventuali danni*." [9]

"Infatti inghad mill-qrati taghna, in applikazzjoni ta' dawn il-principji, illi:

""*Huwa veru li l-patt kommissorju tacitu ghandu l-istess effetti tal-kondizzjoni risoluttiva ghax huwa sottintiz f'kull kuntratt bilaterali, izda l-kuntratt ma jaqax* ***ipso iure*** *u ghad-differenza tal-kondizzjoni risoluttiva, l-Qorti tista' dejjem taghti zmien lill-parti inadempjenti biex tirregola ruhha. Il-konvenut ma jistax jinhall jew iwaqqa' l-kuntratt, imma l-iktar li jista' jaghmel, jitlob li jinhall b'ministeru tal-Qorti fuq talba tal-parti u mhux ope exceptionis*." [10]

"Huwa evidenti illi fil-kaz taghna, minkejja li ma kienx hemm kondizzjoni risoluttiva **espressa** fil-ftehim tat-12 ta' Lulju 1991, l-atturi nomine ma rrikorrewx lejn il-Qorti biex jitolbu li jigi xjolt il-kuntratt ta' appalt, kif tistipula l-ligi u jinsab ikkonfermat fid-dottrina u l-gurisprudenza. Anzi l-ewwel talba taghhom hija proprju fis-sens illi jigi dikjarat li

[9] Giovanni Pacchioni : Diritto Civile Italiano : Pte. 2da Diritto Delle Obbligazioni vol. II. Dei Contratti in Generale Cap. III. para. 6 pag. 44 .

[10] Mark Borda noe. vs Rafael Muscat : kollez. Vol. LXVIII. III. 73 ; ara wkoll: vol. XXXVII. I. 197

dan il-kuntratt gie xjolt *ipso iure* minhabba l-inadempjenza tal-konvenuti nomine. Imma, kif rajna, meta ma jkunx hemm kondizzjoni rizoluttiva espressa, il-kuntratt ma jigix xjolt *ipso iure* imma biss bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, li tista' wkoll, fid-diskrezzjoni taghha, taghti zmien lill-parti inadempjenti biex twettaq l-obbligi taghha. Bhala kommittenti f'kuntratt ta' appalt setghu eccezzjonalment ihollu l-kuntratt huma stess meta riedu.[11] Dan pero` m'ghamluhx, ghax ma jidhirx li kienet l-intenzjoni taghhom li jaghmlu hekk, imma qabbdu lil haddiehor wara certu zmien jistennew, semplicement ghaliex l-appaltatur abbanduna x-xoghol. Ghalhekk it-talbiet attrici f'dan ir-rigward zgur li ma jistghux jirnexxu. Konsegwentement lanqas ma jistghu jirnexxu t-talbiet ghad-danni sa fejn dawn huma qed isiru minhabba din l-allegata inadempjenza tal-konvenuti nomine.

"Imma mbaghad hemm ukoll fic-citazzjoni, talbiet ohra li jirrigwardaw id-danni marbuta ma' dak li l-atturi nomine jsejhu *"traskuragini u x-xoghol esegwit hazin*", partikolarment f'pittura li hemm mas-saqaf tas-sala li tigi taht il-gdida li giet kostruwita permezz tax-xoghlijiet *de quo*. Skond il-ligi civili taghna "***kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu****."* [12] u "***Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."***[13] Kif gie spjegat: "*Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita' extra-kontrattwali u tenuncja r-regola li* ***l-awtur tal-lezzjoni*** *ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabilita' ghandha bhala fonti taghha l-imgieba imputabbli, li tista' tkun doluza jew kolpuza. Imgieba din li ghandha jkollha necessarjament ness ta' kawzalita' ma' l-event dannuz."* [14]

"Irrizulta mic-certifikat rilaxxjat mill-artist Pawlu Camilleri Cauchi li ezamina l-pittura in kwistjoni, li din gratilha hafna

[11] art. 1640 kap. 16 .
[12] Art. 1031 tal-kap. 16 .
[13] art. 1032(1) tal-kap. 16 .
[14] Prim'Awla : Kevin Mifsud vs Sparikasse Bank Malta p.l.c. u Windsor Holdings Limited: 9.2.2005 (enfasi tal-Qorti).

hsara minhabba l-perkolazzjoni tal-ilma tax-xita.[15] Il-konvenuti nomine ma jichdux illi din il-pittura tassew giet danneggjata bin-nuqqas taghhom li jkahhlu l-fili tal-hitan li kienu qed jikkostruwixxu u jiehdu prekawzjonijiet ohra sabiex ma jipperkolax ilma fis-swali l-ohra tal-kazin. Wara kollox l-istess ftehim tat-12 ta' Lulju 1991 kien jipprovdi klawsola specifika dwar it-tikhil li kellu jsir hu u ghaddej ix-xoghol.[16] Jghidu biss illi rrizulta li l-atturi nomine kienu gew ikkompensati ghal dawn il-hsarat minn xi ditta assikuratrici. Dan pero` ma giex ippruvat, u anke kieku tassew kien il-kaz, kif tajjeb jissottomettu l-atturi nomine fin-Nota tal-Osservazzjonijiet taghhom, dak li huma stess u mhux il-konvenuti nomine, setghu kkuntrattaw ma' terzi f'dan ir-rigward, m'ghandux jibbenefika lil min attwalment ikkawza l-hsara. Ma tressqet ebda prova ta' kemm kellhom jonfqu l-atturi nomine sabiex jaghmlu r-riparazzjonijiet mehtiega fuq din il-pittura. Anzi rrizulta illi sakemm kienu ghadhom ghaddejjin is-seduti peritali, ix-xoghol fuqha kien ghadu mhux komplut. Madankollu l-Qorti hija tal-fehma illi l-istima tal-hsara maghmula minn espert rinomat bhal ma hu l-artist Camilleri Cauchi, m'ghandhiex ghalfejn tigi ddubitata u ghalhekk sejra taccettaha bhala l-valur tad-danni realment ikkawzati fiha, minhabba l-perkolazzjoni tal-ilma tax-xita waqt l-esekuzzjoni ta' dan l-appalt. Ghaldaqstant tillikwida l-ammont dovut ghal din il-hsara fis-somma ta' elf u tmien mitt Lira Maltija (Lm1,800) stabiliti mill-istess espert.

“Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti nomine u l-ewwel tliet talbiet attrici, tilqa' biss it-talbiet l-ohra fis-sens illi:

“1. tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi nomine minhabba t-traskuragini u x-xoghol esegwit hazin konsistenti fi hsara fil-pittura tas-soffitt tas-sala li tigi mmedjatament taht dik li nbniet minnhom;

[15] ara certifikat esebit a fol. 218 tal-process .
[16] klawsola (4) tal-ftehim esebit a fol. 7 tal-process .

“2. tillikwida l-ammont ta' danni relattivi sofferti mill-atturi nomine fis-somma ta' elf u tmien mitt Lira Maltija (Lm1,800), pari llum ghal erbat elef, mija erbgha u disghin Ewro (€4,194); u

“3. tikkundanna lill-konvenuti nomine sabiex ihallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi nomine.

“L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi, ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti.”

**Kawza Citaz. Nru. 55/93**

B’verbal datat 14 ta’ Ottubru 1993[17] il-Qorti kienet ordnat li din il-kawza tinstema’ kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet inversi, Citaz.Nru. 55/93, deciza llum stess.

**L-appell tas-socjeta` konvenuta**

Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-Magistrati Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, tal-20 ta’ Gunju 2008, u interponiet dan l-appell minnha permezz ta’ rikors datat 10 ta’ Lulju 2008 fejn talbet li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn cahdet l-ewwel tliet talbiet attrici, filwaqt li tbiddel is-sentenza appellata billi tirrevokaha fir-rigward tar-raba’, hames u sitt talbiet u b’hekk tillibera lis-socjeta` konvenuta minn kwalunkwe responsabbilta`. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi nomine.

In succint l-aggravji tal-istess socjeta` jistghu jigu sintesizzati hekk:

1. Illi ghalkemm huwa ammess li l-pittura *de quo* sofriet xi danni, l-ewwel Qorti ma setghetx tistrieh fuq stima ta’ pittur, rinomat kemm hu rinomat, meta l-istess stima qatt ma giet konfermata bil-gurament minnu.

2. Illi l-istess socjeta` tikkontendi illi l-ewwel Qorti lanqas ma kienet gustifikata meta rriteniet li jekk l-atturi

[17] Ara fol. 19.

nomine gew kumpensati ghad-danni minn xi ditta tal-assigurazzjoni, dan m'ghandux jibbenefika lilhom.

3. Illi kwalunkwe persuna ghandha l-obbligu li tillimita eventwali danni u skond is-socjeta` konvenuta, l-atturi nomine naqsu li jaghmlu hekk meta ma tawx risposta pendenti l-proceduri jekk kienux gew rizarciti jew le ghad-danni reklamati.

**Ir-risposta tal-atturi nomine**

L-atturi nomine wiegbu preliminarjament li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Fir-rigward tal-istima tad-danni u senjatament l-istima tal-pittur Pawlu Camilleri Cauchi, l-atturi jsostnu li hawn si tratta ta' espressjoni ta' opinjoni dwar l-entita` tad-danni u mhux ta' dokument migjub bhala prova ta' fatti allegati u mhux konfermat bil-gurament u kwindi l-ewwel Qorti setghet tistrieh fuq l-istess stima. Fil-kwadru tal-gudizzju li riedet taghmel l-ewwel Qorti, l-istima prodotta mis-socjeta` attrici kienet biss illustrattiva u ndikattiva.

2. Fir-rigward tar-rizarciment tad-danni minn xi kumpanija assiguratrici, l-atturi nomine jirribattu l-aggravju fis-sens illi kwalunkwe rizarciment li wiehed jista' jakkwista minghand tali kumpanija ghad-danni kagunati minn terzi ma jolterawx u ma jinteressawx il-kwistjoni tar-responsabbilta` tat-terz ghad-danni subiti mill-assigurat.

3. Fir-rigward tat-tielet aggravju tas-socjeta` konvenuta, l-atturi nomine jissottomettu illi fil-kaz *de quo* ma japplikax il-principju tal-minimizzazzjoni tad-danni.

**Fatti tal-kawza**

Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-appell, din il-Qorti thoss li jkun utili li taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni, u dan kif ser jinghad:-

(i) Permezz ta’ skrittura datata 12 ta’ Lulju 1991 l-atturi nomine kienu kkoncedew lis-socjeta` konvenuta kuntratt ta’ appalt konsistenti f’xoghol ta’ bini u xoghol iehor ancillari bil-prezz ta’ Lm12,000.

(ii) Nonostante li l-imsemmi xoghol kellu jigi mitmum sal-ahhar ta’ Novembru tal-1991, sa kwazi nofs is-sena 1992 l-istess xoghol kien ghadu mhux kompletat.

(iii) Inqala’ dizgwid bejn il-partijiet fir-rigward tad-disinn tal-frontispizju u xi xoghol zejjed li s-socjeta` attrici ordnat u li s-socjeta` konvenuta kienet qed tinsisti li tithallas tieghu u dan billi ma kienx jifforma parti mill-ftehim originali.

(iv) Billi lahaq ghadda xi zmien, bil-partijiet jibqghu ma jiftehmux fuq dawn id-divergenzi, saret xi hsara fuq pittura li kien hemm fil-Kazin tas-socjeta` Filarmonika Leone minhabba skular ta’ ilma fil-hitan li ma tkahhlux.

(v) Peress li l-partijiet baqghu fermi fuq il-posizzjoni taghhom, l-atturi nomine inkarigaw terzi (lill-istess sub-appaltaturi li kienu qabbdu l-konvenuti nomine) sabiex jikkompletaw ix-xoghol li kien ghad baqa’ jsir, liema xoghol eventwalment gie mitmum mill-istess terzi.

(vi) Dwar il-fatt li l-pittura in kwistjoni sofriet xi hsara ma jidhirx li hemm kontestazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Illi **l-ewwel aggravju** tas-socjeta` konvenuta jikkoncerna l-istima[18] tal-pittur Pawlu Camilleri Cauchi fl-ammont ta’ cirka Lm1,800 stante li din ma gietx mahlufa minnu u lanqas ma gie prodott bhala xhud.

Illi filwaqt illi huwa minnu li l-istima in kwistjoni ma tistax tittiehed bhala prova tal-kontenut taghha in kwantu ma gietx konfermata bil-gurament fl-istess hin dan ma jfissirx

[18] Dok JD10 a fol 218 fil-kawza 55/93.

li ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni bhala prova indizzjarja tad-danni sofferti. Il-fatt jibqa' li l-atturi nomine sofrew danni, liema danni huma ammessi anke mis-socjeta` konvenuta stante li fl-ewwel sentenza tal-ewwel aggravju taghha gie sottomess *"Huwa minnu illi l-pittura sofriet xi hsara."* Illi ghalhekk, ghalkemm sejra tiskarta l-opinjoni tal-pittur Pawlu Camilleri Cauchi bhala prova tal-kontenut taghha, din il-Qorti thoss li *arbitrio boni viri* ghandha tillikwida l-istess ammont ta' danni kif likwidat mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud.

Illi permezz tat-**<u>tieni aggravju</u>** taghha s-socjeta` konvenuta tikkontendi illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet illi anke jekk l-atturi nomine gew ikkumpensati minn xi socjeta` assiguratrici huma xorta kienu jibqghu passibbli ghad-danni. Jibda biex jigi rilevat illi ma jirrizultax konkussivament illi l-atturi nomine gew rizarciti ghad-danni subiti. Huwa veru li giet esebita ittra Dok JE10 a fol. 103 fejn hemm indikat li l-kumpanija assiguratrici tal-atturi nomine, cioe` s-socjeta` *General Accident*, kienet kopriet id-danni subiti pero` dan hu dokument tas-socjeta` assiguratrici tas-socjeta` konvenuta. L-ahjar prova li d-danni subiti gew koperti mill-*General Accident* kien li jittella' rapprezentant tal-istess kumpanija sabiex jixhed dwar x'effettivament gie mhallas. Pero` dan ma sarx mis-socjeta` konvenuta, li fuqha kien jinkombi li tipprova li effettivament tali hlas sar. Madankollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi anke kieku ingabet tali prova, xorta wahda l-argument tas-socjeta` konvenuta ma jregix billi kif sewwa sostnew l-atturi nomine, kwalunke kopertura ta' assigurazzjoni li huma kellhom ma jezonerax lis-socjeta` konvenuta milli taghmel tajjeb ghad-danni kagunati minnha. Kull arrangement (kuntratt) li seta kien hemm bejn il-kumpanija assiguratrici u l-assigurata taghha huwa ghall-awtur tad-danni, *res inter alios acta,* u bl-ebda mod ma jesonera lill-awtur tad-danni (akwiljani jew *ex delictu*) mir-rizarciment taghhom (**Atlas Insurance Agency Ltd v. A.J.Callus**. P.A. 9 ta' Jannar 2002 AJM).

Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi respint.

Illi fir-rigward tat-**tielet aggravju** is-socjeta` konvenuta jsostni illi ma tarax gustizzja fil-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi minkejja li huma ppruvaw jirrizarcixxu lill-atturi nomine tramite l-assigurazzjoni taghhom, l-istess Qorti xorta llikwidat id-danni favur l-atturi nomine. Huma jilmentaw ukoll mill-fatt illi ghalkemm l-attur nomine ipprometta li jivverifika jekk id-danni subiti gewx rizarciti, dan fil-fatt qatt ma ta risposta definittiva. Illi pero` jigi sottolinejat illi s-socjeta` konvenuta, li ghaliha kienet semmai ta' beneficcju tali prova, lanqas sahqet fuq dan il-punt meta kellha f'idejha l-ghodda kollha procedurali sabiex taghmel dan.

Inoltre, is-socjeta` konvenuta ssostni li l-atturi nomine kellhom l-obbligu li jillimitaw l-eventwali danni u dan naqsu milli jaghmluh meta ma tawx l-informazzjoni rikjesta dwar ir-rizarciment da parti tal-assigurazzjoni taghhom. Din il-Qorti jidhrilha li l-principju invokat mis-socjeta` konvenuta u cioe` dak tal-minimizzazzjoni tad-danni ma jsibx applikazzjoni f'dan il-kaz. Is-socjeta` konvenuta ma kienitx qed titlob li l-atturi noe jimminimizzaw id-danni, jew offrietilhom alternattiva kif tissewwa l-hsara imma riedu jivverifikaw biss jekk l-atturi nomine kienux intitolati li jithallsu d-danni li kienu qed jippretendu.

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-kundanna ghar-rizarciment tad-danni subiti, u cioe` illi dak li l-atturi nomine setghu ikkuntrattaw ma' terzi f'dan ir-rigward, m'ghandux jibbenefika lil min attwalment kien ikkaguna l-hsara.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta u qieghda tikkonferma ghalhekk is-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti mentri l-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------